01 JUL 2020

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 526**

**It-Tlieta 16 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Buttigieg – Kunsillier
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

### 526.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

526.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Buttigieg fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Buttigieg ikun skużat.

526.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

526.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna jkun skużat.

### 526.2 Cir AKL 2020/063 Ġbir ta' skart riċiklabbli

526.2.1 Is-Sindku qara ċ-ċirkolari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-materja ta' ġbir ta' skart riċiklabbli minħabba li riċentament iż-żewġ skemi irtiraw milli jagħmlu ġabriet f'numru ta' lokalitajiet, u waħda mill-iskemi ddikjarat li b'effett mill-1 t'Awwissu kienet ser twaqqaf is-servizz tagħha lill-Kunsilli Lokali assenjati magħha.

526.2.2 Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sinjura Anna Calleja daħlet għal-laqgħa.

526.2.3 Is-Sindku qal illi kien qed jintalab il-kunsens sabiex jekk ikun hemm qbil bejn il-Kunsill Lokali, l-Assoċjazzjoni tipproponi lill-Gvern Ċentrali sabiex il-ġbir tal-iskart riċiklabbli jsir mir-Reġjuni.

526.2.4 Il-Kaptan Patrick Calleja qal illi l-Kunsill kien qed jirċievi diversi lmenti dwar il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli.

526.2.5Is-Sindku qal illi l-Kunsill Reġjonali flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-Ministeru għall-Gvern Lokali għad iridu jesploraw mekkaniżmu dwar kif il-ġbir tal-iskart jibda jsir mir-Reġjuni.

526.2.6 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser ikollu setà fuq il-kuntrattur meta jidħlu l-ilmenti.

526.2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill għad irid jiġi kkonsultat f'kull stadju tal-proċess u f'każ li jinstab il-mekkaniżmu, ser ikun hemm diskussjoni dwar l-operat tiegħu.

526.2.8 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma l-ftehim t'aċċettazzjoni ta' qbil sabiex il-Kunsill

Reġjonali flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-Ministeru għall-Gvern Lokali jesploraw mekkaniżmu dwar kif il-ġbir tal-iskart jibda jsir mir-Reġjuni.

526.2.9Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-529 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku